**Addenda** – miżjuda bil-miktub wara li saret l-intervista.

**Mifsud:** **A)** Biż-żmien apprezzajt dejjem aktar il-fatt illi jiena tlajt l-iskaluni tal-gradi waħda waħda (b'eċċezzjoni waħda) minn dik ta` *Clerk-Typist* sa *Permanent Secretary*. Ngħid dan għaliex dak li kont għaddejt minnu jien sibtu jgħinni ħafna biex eventwalment nifhem lin-nies ta` taħti u kif għandi nitratta magħhom. Ħassejt illi kienet dik l-esperjenza, magħuda mat-taħriġ li bqajt dejjem nieħu, li għalmintni u għinitni b'liema mod għħandi namministra u x'tip ta` deċiżjonijiet għandi nieħu fejn jidħħlu riżorsi umani. Nirrakkomanda lil dawk li jidħlu fis-servizz pubbliku sabiex jieħdu t-temp tagħhom u jitrawwmu sew sakemm jidħlu għal pożizzjonijet ta` responsabilita` għolja.

**B)** L-esperjenza tiegħi ta` konsultazzjoni u involviment tal-istaff urietni li jiżdiedu ferm iċ-ċansijiet li l-ideja/viżjoni/strateġija/programm jirnexxi. Fejn kien hemm konsultazzjoni u involviment tal-istaff*, service users, stakeholders*, rajt li kien hemm *understanding* aħjar tal-ideja, tal-viżjoni u l-għanijiet. Naturalment mill-konsultazzjoni u involviment ta` dawk kollha konċernati. Ikollok l-opportunita` li tieħu u taddotta aktar idejat, li tikkoreġi fejn kien ser ikun żbaljat. Huwa minnu nnifsu eserċizzju ta` komunikazzjoni, jonqos il-*fear of the unknown*, inqas resistenza, jidħol aktar *ownership*. Huwa aspett importanti illi fl-opinjoni tiegħi għadu pjuttost skars fis-Servizz Pubbliku.

**Ċ)** F'qasam bħal ma hu dak tas-*Social Work, Counselling, Teaching*, Kura u Saħħa, huwa ferm importanti li l-professjonisti u ħaddiema anċillari jiġu pprovduti b'sistema ta` *staff support*. Dan minħabba t-toqol li huma jħossu mill-każijiet li jkollhom f'idejhom. Konna sibniha ferm diffiċli biex nintroduċu din il-funzjonui b'appoġġ għall-istaff, għaliex dan kien jimplika ħin, risorżi umani u spejjeż addizjonali. Pero eventwalment l-proposta kienet intlaqgħet ukoll u bdiet dieħla f'xi oqsma tal-ħidma Soċjali. Saħansitra eventwalment, permezz dak li kien jissejjaħ M.P.O., ġiet ukoll introdotta skema ta` staff

*support* mal-firxa tad-dipartimenti u entitajiet kollha tal-gvern għal dawk l-impjegati li jkunu għaddejjin minn sitwazzjonijiet diffiċli fil-ħajja u/jew fuq il-post tax-xogħol.